# Bejgħ tal-ħalib fl-imgħoddi

*George Bondin*



Dan ir-ritratt ittieħed minn Ingliż Billy Morgan, inġinier mar-Royal Navy Ingliża li kien stazzjonat fl-HMS Falcon, Ħal Far, fejn kien jaħdem fis-snin 1951 u 1952. Kien hu stess li għaddiehuli s-sena l-oħra.

L-imsemmi ritratt jeħodna lura lejn il-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor fi Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa f'Birżebbuġa, mhux 'il bogħod minn fejn illum hemm il-pixxina tal-waterpolo. Dawk id-djar għadhom hemm sa' llum bl-istess isem Lourdes u Nevers. Fil-bieb tad-dar tal-familja tagħha naraw lil Theresa Sant (nee' Dalli) li għadha mimlija bl-għomor. Fir-ritratt Theresa qiegħda tistenna lir-raħħal Ġanni Grixti (it-Toqtoq), ukoll minn Birżebbuġa, jaħleb buqar ħalib tal-mogħża, fi żmien li kien jinbiegħ bieb bieb, u jinxtara direttament maħlub mill-mogħża.

Din id-drawwa kellha l-bidu tat-tmiem tagħha lejn is-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor. F'dawn is-snin ġie skopert li l-mikrobu li kien qed jikkawza d-deni rqiq (*undulant fever*) b'ħafna konsegwenzi għas-saħħa tal-poplu Malti. Instab li kien ġej minn ħalib mhux pasturizzat ta' mogħoż morda.

B'din l-iskoperta l-awtoritajiet tas-saħħa Maltin dak iż-żmien ħargu bl-għajta magħrufa "għallu l-ħalib qabel ma jgħallikhom". Fl-1936 inbena impjant għall-pasturizzazzjoni fil-Ħamrun, minflok l-istazzjon tal-ferrovija u ieħor f'Ħal Qormi. Fl-1943 il-kumpanija bidlet isimha għal M.M.U. (*Milk Marketing Undertaking*). Ta' interess hija ċ-ċilkulari mqassma fil-knejjes



***Raħħal jgħabbi kontenituri tal-ħalib fuq il-karrettun biex jittieħdu l-MMU fil-Ħamrun, biex jiġi ppasturizzat.***

Maltin matul dak iż-żmien, biex is-saċerdoti javżaw lill-parruċċani bit-twaqqif tal-impjant tal-ippasturizzar tal-ħalib, fejn kulħadd setaʻ jixtri ħalib ippasturizzat ħieles minn kull mikrobu li jġib il-marda tad-deni rqiq.

Fis-sena 1950 l-M.M.U. lestiet żewġ impjanti oħra moderni għall-ippasturizzar tal-ħalib. F'dawn is-snin fl-irħula u l-ibliet bdew jinfetħu ħwienet minn fejn jinxtara l-ħalib ippasturizzat. Fl-1957, b'avviż legali, il-gvern ipprojbixxa l-bejgħ ta' ħalib maħlub u mibjugħ direttament mill-mogħża bieb bieb. Dan wassal biex ir-raħħala jieħdu l-konsenja tal-ħalib tal-merħla tagħhom f'kontenituri pprovduti mill-M.M.U. fl-impjant tal-Ħamrun biex jiġi ppasturizzat. Dan ġab fi tmiemha prattika jew użanża li serviet lill-poplu Malti għal għexiren taʻ snin.

*Ħajr lil Billy Morgan tar-ritratti u lil Hector Farrugia tar-riċerka.*



***Wieħed mill-ewwel vannijiet għad-distribuzzjoni tal-bejgħ tal-ħalib ippasturizzat. Il-bejjiegħ bil-beritta u l-uniformi tal-M.M.U.***